**MALTA**

**TRIBUNAL TA' REVIŻJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAĠISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**5 ta' Settembru 2023**

**Rikors Numru 27/2023**

**Denise Frendo**

**Vs**

**Awtorità tal-Artijiet**

## It-Tribunal,

Ra r-rikors ta' **Denise Frendo** ippreżentat fit-2 ta' Marzu 2023, li permezz tiegħu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

*Illi l-esponenti hija l-proprjetarja tal-fond li jismu 'Shekinah' Triq il-Bidnija, Bidnija limiti tal-Mosta liema fond għandu wkoll art mal-madwar u hija murija fuq il-pjanta hawn annessa bħala Dokument A.*

*Illi numru ta` snin ilu rriżulta illi żewġ porzjonijiet art li qiegħdin fil-pussess tal-esponenti fil-fatt huma reġistrati favur il-Gvern u ċioe l-porzjonijiet indikati bl-ittra A u bl-ittra B fuq il-pjanta Dokument B hawn mehmuża.*

*Illi għalhekk l-esponenti applikat mal-Awtorità permezz ta` applikazzjoni bir-referenza GLA1/2022/1764 sabiex hija takkwista l-istess porzjonijiet art skond l-iskema relattiva.*

*Illi dawn l-porzjonijiet art ilhom fil-pussess tal-esponenti sa mill-2008 u illum huma parti mid-dar reesidenzjali tagħha.*

*Illi hija u dejjem kienet mingħaliha li kienet qed tokkkupa l-art li akkwistat. L-esponenti tiftakar b'mod partikolari illi meta kien ser jitla l-ħajt divizorju fil-parti A kien sar meeting fuq il-post u kien sar ftehim mal-gabillott fejn hija l-linja diviżorja. L-esponenti tiftakar illi l-linja diviżorja kienet ma siġra li kien hemm fil-post. Dwar l-Parti fil-ġemb (porzjoni B) ma kien inqala ebda disgwid dak iż-żmien.*

*Illi għalhekk l-esponenti bniet il-boundary wall relattiv u ilha in okkupazzjoni tal-art minn dak iż-żmien sal-lum.*

*Illi meta l-esponenti saret taf li l-porzjonijiet A u B huma reġistrati fuq l-Gvern hija talbet li takkwisthom billi huma inklużi fl-area tad-dar residenzjali tagħha.*

*Għar-rigward tal-porzjoni indikata bl-ittra B, sar ukoll ftehim verbali mal-gabillott li skond l-awtorita kellu tali porzjoni inkluża fil-kirja tagħha u hie rrenuzjat id-drittijiet tagħha fuq din l-art. Illi l-przjoni art indikata bl-ittra A ma kienetx art li tinħadem. Meta l-esponenti bniet l-ħajt divizorju ma kien ebda sinjali dwar dan anzi l-art kient żdingata u mitluqa  għalhekk ma kien hemm ebda suspet jew ħjiel li kien hemm xi gabillott. Ankeillu, l-porzjoni art lil-hinn mil-Porzjoni A ma tinħadimx, hima mimlija għollieq u qasab salvaġġ u mil-2008 qatt ma inħadmet. Jekk din hija fl-area allkata lill xi gabillott, dan l-gabillott ma jaħdimhiex u a direttura jidher ċar li abbandunaha.*

*Illi b'deċiżjoni tal-Awtorità tal-15 ta` Frar 2023 li ġiet notifikata lill-esponenti numru ta` ġranet wara, l-esponenti ġiet infurmata li t-talba ġiet rifjutata u r-raġuni għar-rifjut kienet illi l-proprjetà rikjesta hija ġewwa tenements li huma ġa mikrija lil terzi.*

*Illi l-esponenti ħassitha aggravata b'din id-deċiżjoni u għalhekk qiegħda tinterponi dan l-appell.*

*Illi l-kwistjoni in materja ilha sejra mill-2013 meta għall-bidu l-Kummissarju tal-Artijiet kien talab l-iżgumbrament tal-esponenti mill-porzjoni art fuq imsemmija iżda sussegwentement huwa biddel fehmtu u hu qal li kien bi ħsiebu joħroġ il-proprjetà b'tender.  Fl-istess ittra tal-4 ta` Awwissu 2014 però ddikjara illi l-esponenti kellha twettaq ix-xogħolijiet neċessarji li jikkonċernaw l-aċċess liberu għan-nixxiegħa naturali kif ukoll għall-kostruzzjoni ta` ġibjun.*

*Illi fil-fatt f'din il-parti tal-ittra tal-4 ta` Awwissu 2014 ma kienetx fattwalment korretta billi la hemm nixxiegħa naturali u lanqas ma qatt kien hemm ġibjun u għalhekk min ta din l-informazzjoni lill-Kummissarju tal-Artijiet ta` informazzjoni ħażina għal raġunijiet li huwa biss jaf.*

*Illi għalhekk huwa evidenti illi ġaladarba l-art hija fil-fatt fil-pussess fiżiku tal-esponenti u ilu hekk sa mis-sena 2008 – u dan in buona fede - dan m'għandux jaffettwa lil kwalunkwe gabillot.  Jiġi rilevat ulterjorment illi apparti dan kollu, il-kumplament tal-art li tmiss mal-porzjoni art indikata bl-ittra A, ukoll ma tinħadimx u ilha għexieren ta` snin ma tinħadem u llum-il ġurnata hija kollha għollieq u qasab kif jidher mir-ritratti hawn annessi.*

*Illi għalhekk l-esponenti jidhrilha illi d-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Artijiet li tirrifjuta l-applikazzjoni tal-esponenti m'għandiex tibqa` fis-seħħ u dan billi d-deċiżjoni li l-art on a matter of principle tkun tista` tiġi trasferita kienet ġa ttieħdet sa mis-sena 2014 u inoltre ma toħloq ebda preġudizzju lil-kwalsijażi gabillott – u dan anke kif jiġi pruvat waq t-trattajoni tal-każ.*

*Illi f'kull każ, dwar l-porzjoni "B", l-gabillott rrinunzjat għal din l-porzjoni*

*Għaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett li dan it-Tribunal jogħġbu jilqa` dan l-appell u jħassar u jirrevoka d-deċiżjoni tal-Awtorità fuq imsemmija sabiex b'hekk l-applikazzjoni tal-esponenti tkun tista` tkompli tiġi amministrata.*

Ra r-risposta **tal-Awtorità tal-Artijiet** ippreżentata fl-24 ta' Marzu 2023, li permezz tagħha eċċepiet is-segwenti:-

1. *Illi din hija risposta għar-Rikors tal-Appell ta' Denise Frendo ( KI 473069M);*
2. *Illi l-appellanta qed tappella minn deċiżjoni tal-Awtorita' tal-Artijiet datata ħmistax ta' Frar, elfejn tlieta u għoxrin (15/02/2023) li permezz tagħha ġiet irrifjutata mill-istess Awtorita' , it-talba tar-rikorrenti biex:*
   *Request to the Lands Authrity for the Disposal of Governent Property in terms of Article 31 (a) or 31 ( b) of Chapter 573 of the Laws of Malta with reference to your request regarding disposal of site, Land at l-Art tal-Ħotba tal-Qawwi, Limits of Bidnija, Mosta'*
3. *Illi r-raġuni li ingħatat mill-Awtorita intimata f'dik l-istess ittra sureferita kienet peress li Requested property lies within the tenement already leased to third parties*
4. *Illi r-rikorrenti ħassitha aggravata b'din id-deċiżjoni u għalhekk intavolat dan l-appell;*
5. *Illi l-Awtorita' tal-Appella tirrileva dawn is-segwenti punti b'risposta għall-Appell tar-Rikorrenti:-*

***Elenku ta' Punti fuq l-Aggravji tal-Appell***

- I. *Illi kull argument li jipprova jissostanza ir-raġuni ta' dan l-appell a bażi ta' deċiżjoni ta' żgombru li ttieħdet fl-2013 hija waħda irritwa u mhux valida kif ukoll m'għandha x taqsam xejn ma deċiżjoni li ttieħdet imill-Awtorita' intimata u hija mertu tal-appell odjern.*
- II. *Illi f'kullkaż l-Awtorita' intimata ser iġġib il-provi kollha waqt dan l-Appell sabiex tissostanzja d-deċiżjoni li ngħatat għal rifjut, ċioe li din l-art tinsab mikrija lil terzi.*
- III. *Illi inoltre l-Awtorita' tal-Artijiet għandha kull dritt tirrifjuta applikazzjoni li twassal li effettivament tbigħ artijiet li hi tamministra f'isem il-poplu Malti u Għawdxi.*
- IV. *Illi d-deċiżjoni tal-Awtorita' hija waħda ġusta kemm fil-forma kif ukoll fis-sustanza u bbażżata fil-limiti tad-diskrezzjoni mogħtija bil-liġi.*
- V. *Illi inoltre l-Awtorita tal-Artijeit għandha l-obbligu li tamministra l-art tal-Gvern bħala bonus pater familias*
- VI. *Illi l-Awtorita' qed tirriserva argumenti u provi ulterjuri*
- VII. *Illi għalhekk m'hemm l-ebda raġuni għala dan l-Appell għandu jintlaqa'*

*Għaldaqstant l-esponenti, filwaqt li ġġib din ir-risposta a konjizzjoni ta' dan l-Onoroabbli Tribunal , u tirriserva d-dritt li tipprovdi raġunijiet u provi ulterjuri waqt is-smigħ ta' din il-kawża, titlob lil dan l-Onorabbli Tribunal biex jikkonferma d-deċiżjoni tal-Awtorita' tal-Artijiet u tiċħad dan l-appell;*

*Salv kull provediment li dan l-Onorabbli Tribunal jidhirlu xieraq*

Sema' x-xhieda;

Ra d-dokumenti kollha ppreżentati;

Sema' t-trattazzjoni;

Ra li r-rikors tħalla għal-lum għal sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrenti ħassitha aggravata b'deċiżjoni tal-Awtorita` intimata kif kontenuta f'ittra datata 15 ta' Frar 2023, li permezz tagħha ġiet infurmata li t-talba tagħha sabiex l-Awtorita` tiddisponi minn sit ġewwa l-Art tal-Ħotba tal-Qawwi, limiti tal-Bidnija, Mosta kienet qiegħda tiġi rifjutata peress li l-istess sit kien jaqa' f'art imqabbla lil terzi.

Illi għall-aħjar intendiment tal-fatti, it-Tribunal qed jissenjala s-segwenti b'mod kronoloġiku:

1. Permezz ta' kuntratt t'akkwist datat 19 ta' Lulju 2002 ir-rikorrent akkwistat il-perjodu ta' ċens rimanenti sas-sena 2115 fuq l-art fejn eventwalment bniet ir-residenza tagħha;[1]
2. Permezz ta' skrittura datata 31 ta' Jannar 2011 il-Kummissarju tal-Artijiet qabbel lil ċertu Hector Carter u Anna Carter biċċa raba ġewwa l-Bidnija li ġġib in-numru ta' reġistrazzjoni J00303;[2]
3. Fil-31 ta' Jannar 2012 il-Kummissarju tal-Artijiet irrikonoxa lil Su Anne Ciantar Carter fil-qbiela minflok il-ġenituri tagħha;[3]
4. Fil-21 ta' Frar 2013, id-Direttur tal-Uffiċju Konġunt irrikonoxxa lil George Sant u Agostino Sant *in solidum* fil-qbiela ta' porzjon raba flok il-ġenituri tagħhom Nicola u Carmela Sant;[4]
5. Fit-12 ta' Settembru 2013, Agostino Sant kiteb lis-Sezzjoni tal-Infurzar tad-Dipartiment Proprjeta` tal-Gvern, fejn infurmahom li ċertu Anġlu, li kellu r-residenza tiegħu tmiss ma' parti mir-raba mqabbel lilu kien waqqa' ħajt tas-sejjieħ u niżel biċċa sew fir-raba tiegħu u dan wara li qabbad wieħed bil-gaffa jħammel u qala' xi siġar u anke kisser u faqa' bir tal-ilma antik ħafna li kien jilqa' l-ilma tax-xita. Konsegwenza ta' dan kienet qed issirlu ħsara fl-uċuħ tar-raba. Huwa nforma lid-Dipartiment li l-istess Anġlu kien bena ħajt fuq l-istess raba u għamilha parti mill-proprjeta` tar-residenza tiegħu. Sant spjega li huwa kellem lil dan Anġlu u qallu biex ma jinżilx iktar mis-siġra tal-lewż li kien hemm fil-kantuniera tal-ħajt tas-sejjieħ, għaliex din kienet timmarka l-qasma

[1] Ara Case Officer report a fol. 40
[2] Dokument A a fol. 160
[3] Dokument C a fol. 168
[4] Dokument D a fol. 169

ta' bejniethom, pero` dan niżel iktar minn din is-siġra, tant li qalagħha u għamel ħafna ħsara;[5]

6. Fit-18 ta' Frar 2014, Dr. Francesca Zarb, għan-nom tad-Direttur tad-Dipartiment Proprjeta` tal-Gvern, kitbet lill-konsulent legali tar-rikorrenti fejn infurmatu li b'referenza għall-korrispondenza preċedenti, fosthom l-ittra tiegħu tat-3 ta' Frar 2014, id-Dipartiment ma kienx f'posizzjoni li jilqa' t-talba tar-rikorrenti stante li l-istess art hija okkupata bi qbiela minn terzi. Fl-istess ittra r-rikorrent ġiet interpellata sabiex tiżgombra mis-sit u tħott kwalunkwe kostruzzjoni li tellgħat immedjatament;[6]
7. Fit-2 ta' April 2014 saret minuta minn Rennie Cachia, Site Technical Officer fil-fajl tal-proprjeta` tar-rikorrent, li tindika li fit-28 ta' Marzu 2014 saret spezzjoni fejn kien hemm preżenti Angelo Zahra u Agostino Sant. Waqt l-istess spezzjoni Zahra u Sant qablu li Zahra kien daħal fuq porzjon art imqabbla lil Sant u dan kif jidher fuq Red 92 u 93. Zahra u Sant esprimew ix-xewqa li jaslu fi ftehim biex jirregolarizzaw il-posizzjoni tagħhom u għalhekk ġie maqbul li jsir appuntament mad-Direttur tad-Dipartiment tal-Artijiet;[7]
8. Fl-4 ta' Awwissu 2014 id-Dipartiment Proprjeta` tal-Gvern bagħat ittra lir-rikorrenti fejn infurmaha li kien lest jikkunsidra li jbigħ il-porzjon art okkupata minnha bla titolu permezz ta' sejħa pubblika b'dana illi sabiex dan isir kellha twettaq xogħolijiet għall-aċċess liberu ta' nixxiegha naturali u kif ukoll tibni ġibjun li kienu jiffurmaw parti mill-art okkupata;[8]
9. Fit-2 ta' Frar 2016 ħareġ Avviż biex Tieqaf u ta' Twettiq fuq is-sit in kwistjoni da parti tal-Awtorita` tal-Ippjanar stante li kien hemm żvilupp mingħajr permess li kien jikkonsisti minn bini ta' kamra, ħajt tal-franka għoli minn filata sa tnejn, kif ukoll ħajt ieħor ċirka tliet filati għoli;[9]
10. Din l-Ordni ma baqgħatx iktar fis-seħħ fit-2 ta' Frar 2017 peress li kien inħareġ permess da parti tal-Awtorita` tal-Ippjanar li ssanzjona l-iżvilupp illegali msemmi fl-Avviż;[10]
11. Fis-7 ta' Marzu 2022 Sue Anne Ciantar Carter għamlet dikjarazzjoni ġuramentata fejn iddikjarat li ma ssibx oġġezzjoni li art murija bl-aħmar fuq pjanta annessa mal-istess dikjarazzjoni ta' ċirka 89 metri kwadri, tiġi f'isem ir-rikorrenti;[11]

[5] Dokument a fol. 147
[6] Dokument a fol. 90
[7] Dokument a fol. 139
[8] Dokument DF a fol. 177
[9] Dokument a fol.136
[10] Dokument a fol. 135
[11] Dokument a fol. 62

Illi minn dan il-kwadru tal-fatti jirriżulta illi f'ċertu punt kien se jkun hemm xi trattattivi bejn Zahra, li f'dawn il-proċeduri qatt ma ġie prodott bħala xhud mir-rikorrenti, Agostino Sant u d-Dipartiment tal-Artijiet. Pero` jirriżulta li dawn it-trattativi ma mxewx ' il quddiem għaliex fi kliem ir-rikorrenti huma ma kinux lesti li jaċċettaw li jagħmlu ġiebja u bir a benefiċċju ta' Sant u dan għaliex fil-fehma tagħha il-kwistjoni kienet ma' sid l-art, u ċioe` l-Gvern, u mhux mal-gabillott.

**Ikkunsidra:**

Illi fil-fehma ta' dan it-Tribunal ma hemm ebda dubju illi ż-żewġ porzjonijiet art delinejati bl-aħmar fuq il-pjanta tar-Reġistru tal-Artijiet esebita a fol. 58 huma proprjeta` tal-Gvern imqabbla lil terzi, u ċioe` lil Ciantar Carter u lill-aħwa Sant. Dwar dan jirriżulta li hemm qbil anke mir-rikorrenti nnifisha stante li din il-pjanta ġiet sottomessa minnha stess mal-applikazzjoni tagħha lill-Awtorita` intimata.

Illi filwaqt li jirriżulta li r-rikorrenti ilha tokkupa l-porzjonijiet ta' art in kwistjoni, fir-rigward tal-porzjon imqabbla lil Sant, dan ċertament ma kinitx qed tagħmlu bl-approvazzjoni tagħhom, tant illi fl-2013 Agostino Sant ipprotesta mal-predeċessur tal-Awtorita` intimata. Illi filwaqt li r-rikorrenti xehdet illi l-ħajt diviżorju inbena ċirka fl-2008 u esebiet *bill of quantities* dwar l-istess xogħolijiet, it-Tribunal iqis li dawn l-istimi la ġew konfermati minn min ħariġhom u wisq inqas ġie stabbilit illi x-xogħol sar fis-sena indikata fuq l-istess dokumenti. L-aħjar prova kienet tkun li jitla' jixhed il-persuna nkarigata mix-xogħolijiet jew inkella *aerial photos* li juru s-sit kif ġie żviluppat matul is-snin. Madanakollu ma ġie ppreżentat xejn minn dan. Illi pero` anke jekk, għall-grazzja tal-argument, dan it-Tribunal kellu joqgħod fuq ix-xhieda tar-rikorrenti illi l-ħitan divizorji saru fl-2008, dan ftit li xejn għandu piż fuq il-mertu ta' dan l-appell. Dana għaliex, anke kieku stess l-awtur tal-aħwa Sant, ta xi kunsens lir-rikorrenti biex tibni fuq l-art imqabbla lilu, dan ma kien jiswa xejn għaliex hu ma kienx sid l-art u kwindi ma setax jagħmel xi tip ta' ftehim bħal dak li allegatament seta' sar. Illi dwar minn min kien intlaħaq dan il-ftehim, dan it-Tribunal għandu dubju wkoll stante li kemm ir-rikorrenti u kemm fit-trattazzjoni orali ġie dikjarat illi dan Sant ma kienx qarib tal-aħwa Sant li huma l-kerrejja preżenti, mentri mid-dokumenti esebiti jirriżulta li l-kerrejja predeċessuri tal-aħwa Sant kienu proprju l-ġenituri tagħhom.

Illi fit-trattazzjoni orali tiegħu, id-difensur tar-rikorrenti saħaq illi l-predeċessur tal-Awtorita` intimata permezz ta' ittra datata 4 ta' Awwissu 2014 kien wera li kien lest li jikkunsidra li l-art in kwistjoni tinħareġ għall-bejgħ wara sejħa għall-offerti. Huwa saħaq li għalhekk issa ma tistax l-Awtorita`

intimata terġa' tmur lura minn dik id-deċiżjoni qisha qatt ma eżistiet. Illi t-Tribunal jirrileva illi filwaqt li fl-ittra tal-4 ta' Awwissu 2014 huwa minnu li l-predeċessur tal-Awtorita` intimata esprima l-fehma li kien lest jikkunsidra li jirregola l-posizzjoni tar-rikorrenti billi joħroġ l-art in kwistjoni għall-bejgħ b'sejħa pubblika għall-offerti, madanakollu rabat din l-intenzjoni ma' żewġ kundizzjonijiet, u ċioe` li r-rikorrenti twettaq xogħolijiet neċessarji għall-aċċess liberu ta' nixxiegħa naturali u wkoll li tibni ġibjun li kienu jiffurmaw parti mill-art li kienet tokkupa. Illi jirriżulta li r-rikorrenti ma qablitx ma' din il-proposta u fil-fatt ma għamlet xejn minn dak rikjest lilha. Pero` lanqas b'xi mod ikkontestat dik id-deċiżjoni b'xi proċeduri legali. Kwindi, fil-fehma tat-Tribunal, la darba r-rikorrenti m'għamlitx dak mitlub mill-predeċessur tal-Awtorita` intimata u wisq inqas ikkontestat dik id-deċiżjoni, l-istess Awtorita` jew il-predeċessur tagħha ma kinux għadhom marbutin mal-kontenut tal-ittra msemmija iktar 'il fuq. Id-Dipartiment tal-Artijiet kien ċar illi kien lest li jikkunsidra li jirregolarizza lir-rikorrenti jekk l-istess rikorrenti taċċetta u tagħmel dak propost mill-istess Dipartiment.

Illi għaldaqstant, la darba meta l-Awtorita` intimata kienet qiegħda teżamina l-applikazzjoni odjerna tar-rikorrenti, irriżultalha li s-sit jifforma parti minn żewġ *tenements* imqabbla lil terzi, allura kellha raġun tirrifjuta l-applikazzjoni tar-rikorrenti. Li kieku l-Awtorita` intimata għamlet mod ieħor kienet tkun ċertament qed tonqos mill-obbligi tagħha ai termini tal-Kapitolu 563 tal-Liġijiet ta' Malta. It-Tribunal għalhekk iqis li r-raġuni mogħtija mill-Awtorita` intimata hija legalment u fattwalment fondata. Di piu`, kif spjegat Joanie Galea, uffiċjal tal-Awtorita` intimata, sabiex isir kwalunkwe trasferiment ta' qbiela, hemm proċedura li trid tiġi segwita mal-Awtorita` intimata u kwindi, anke jekk semmai Sue Anne Ciantar Carter ma ssibx oġġezzjoni li parti mill-art imqabbla lilha tgħaddi għand ir-rikorrenti, Ciantar Carter u r-rikorrenti għandhom isegwu din il-proċedura, dejjem jekk applikabbli fil-każ tagħhom. Dan qed jingħad fid-dawl illi kif spjegat l-istess Galea, jekk l-iskop ta' art huwa wieħed agrikolu, ġeneralment l-iskop li għalih terġa' tingħata jibqa' agrikolu u mhux biex isir xi tip ta' żvilupp bħal dak li għamlet ir-rikorrenti.

Illi fl-aħħarnett dan it-Tribunal jirrileva illi huwa mħasseb kif minkejja li din il-kwistjoni ilha a konoxxenza tal-Awtorita` intimata u tal-predeċessur tagħha għal iktar minn għaxar snin, qatt ma ttieħdu passi konkreti sabiex art pubblika li ġiet użurpata illegalment tiġi vakata. Għal dan il-għan qiegħed jordna notifika formali ta' din is-sentenza lill-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorita` intimata għal kwalunkwe kunsiderazzjoni tiegħu.

**DECIDE**

Għaldaqstant it-Tribunal, għar-raġunijiet hawn fuq espressi, qiegħed jiċħad l-appell tar-rikorrenti u jilqa' r-risposta tal-Awtorita` intimata.

Spejjeż a karigu tar-rikorrenti.

**Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva**

**Antonella Cassar**
**Deputat Reġistratur**

**Notifika: Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorita` tal-Artijiet**
**Auberge de Baviere**
**Valletta**